MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007

Numru. 532/2007

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**
**Angelina sive Angela Schembri mart Francis u bint Vincent Saliba u Maria Antonia nee' Dimech, imwielda fit-28 ta' Gunju, 1965 u residenti Ir-Redentur, Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 23165(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Angelina sive Angela Schembri li giet akkuzata talli nhar il-4 ta' Lulju, 2007 ghal habta tal-05:30p.m. fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex naqset li taghti access lil zewgha ta' binha minuri Josmael li qieghed taht il-kustodja taghha bi ksur

ta' Rikors Guramentat nru. 6/2007 u datat 04/07/2007 u mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja Magt Dr. P. Coppini LL.D.;

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;,

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi:

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 338 11 Kap 9

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta illi l-omm bl-ebda mod ma naqset milli taghti access lill-missier izda hadet lill-minuri l-ghassa tal-Pulizija u anke pprovat igieghel lit-tifel imur ma' missieru u anke dana ppruvat taghmlu bl-assistenza tas-Surgent tal-Pulizija u ghalhekk il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi ma tistax tqies illi l-omm b'xi mod naqset li taghti l-access lil missier ghal ibnu. Jidher illi l-imputata obdiet l-ordni tal-Qorti izda huwa l-minuri stess illi qieghed jirrifjuta li jaghmel dan. Oltre dan il-Qorti ma tistax tara x'tista' taghmel iktar l-imputata. Tant hu hekk illi l-minuri l-ohra, bint il-kwerelant, qed tmur ma' missierha u ghalhekk ma huwiex il-kaz illi l-imputata qeghda tirrifjuta li taghti l-access;

Kwindi l-akkuza ma tirrizultax;

Ma ssibiex hatja u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------